FTEHIM QAFAS

bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Awstralja, min-naħa l-oħra

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni",

u

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAN-NETHERLANDS,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Istati Membri",

minn naħa waħda, u

L-AWSTRALJA

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Partijiet",

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW il-valuri komuni tagħhom u r-rabtiet stretti storiċi, politiċi, ekonomiċi u kulturali tagħhom;

FILWAQT LI JILQGĦU l-progress li sar fl-iżvilupp tar-relazzjoni dewwemija u ta' benefiċċju reċiproku tagħhom permezz tal-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar ir-Relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja fis-26 ta' Ġunju 1997 u l-implimentazzjoni tal-Aġenda għall-Kooperazzjoni tal-2003;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-interazzjoni u l-kooperazzjoni rivitalizzati bejn l-Awstralja u l-Unjoni li saru sa mill-iżvilupp tal-Qafas ta' Sħubija bejn l-Awstralja u l-Unjoni Ewropea adottat fid-29 ta' Ottubru 2008;

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tagħhom favur l-għanijiet u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti ("il-Karta tan-NU") u għat-tisħiħ tar-rwol tan-Nazzjonijiet Uniti ("NU");

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tagħhom favur il-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem, kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u strumenti internazzjonali rilevanti oħrajn dwar id-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll mal-prinċipji tal-istat tad-dritt u l-governanza tajba;

FILWAQT LI JENFASIZZAW in-natura komprensiva tar-relazzjoni tagħhom u l-importanza li jingħata qafas koerenti biex jiġi promoss l-iżvilupp ta' din ir-relazzjoni;

FILWAQT LI JESPRIMU r-rieda komuni tagħhom biex jelevaw ir-relazzjonijiet tagħhom fi sħubija msaħħa;

FILWAQT LI JIKKONFERMAW ix-xewqa tagħhom li jintensifikaw u jiżviluppaw id-djalogu politiku u l-kooperazzjoni tagħhom;

DETERMINATI li jikkonsolidaw, japprofondixxu u jiddiversifikaw il-kooperazzjoni f'oqsma ta' interess reċiproku, fil-livelli bilaterali, reġjonali u globali u għall benefiċċju reċiproku tagħhom;

FILWAQT LI JESPRIMU l-impenn tagħhom li joħolqu ambjent li jwassal għal iktar kummerċ u investiment bilaterali;

FILWAQT LI JAFFERMAW ir-rieda tagħhom li jsaħħu l-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-benefiċċji reċiproċi ta' kooperazzjoni msaħħa fl-oqsma tal-edukazzjoni, il-kultura, ir-riċerka u l-innovazzjoni;

FILWAQT LI JESPRIMU x-xewqa tagħhom li jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tiegħu;

FILWAQAT LI JIBNU fuq il-ftehimiet konklużi bejn l-Unjoni u l-Awstralja, partikolarment b'rabta max-xjenza, is-servizzi tal-ajru, l-inbid, is-sigurtà tal-informazzjoni klassifikata, il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità għall-prodotti industrijali u l-iskambju ta' dejta tal-passiġġieri bl-ajru;

FILWAQT LI JINNUTAW li fil-każ li l-Partijiet jiddeċiedu, fil-qafas ta' dan il-Ftehim, li jidħlu fi ftehimiet speċifiċi fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li kellhom jiġu konklużi mill-Unjoni skont Titolu V tal-Parti Tlieta tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet ta' tali ftehimiet futuri ma jorbtux lir-Renju Unit u/jew l-Irlanda sakemm l-Unjoni, fl-istess ħin mar-Renju Unit u/jew l-Irlanda fir-rigward tar-relazzjonijiet bilaterali preċedenti rispettivi tagħhom, ma tinnotifikax lill-Awstralja li r-Renju Unit u l-Irlanda intrabat/intrabtu minn tali ftehimiet bħala parti mill-Unjoni b'konformità mal-Protokoll Nru 21 dwar il-Pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizza anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. B'mod simili, kull miżura sussegwenti interna tal-Unjoni li jkollha tiġi adottata skont l-imsemmi Titolu V biex jiġi implimentat dan il-Ftehim, ma torbotx lir-Renju Unit u/jew lill-Irlanda sakemm dawn ma jkunux innotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem jew li jaċċettaw tali miżuri b'konformità mal-Protokoll Nru 21. Filwaqt li jinnutaw ukoll li tali ftehimiet futuri jew tali miżuri interni għall-UE jkunu jaqgħu taħt il-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka annessa ma' dawk it-Trattati,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

TITOLU I

GĦAN U BAŻI TAL-FTEHIM

Artikolu 1

Għan tal-Ftehim

1. L-għan ta' dan il-Ftehim huwa li:

(a) jistabbilixxi sħubija msaħħa bejn il-Partijiet;

(b) jipprovdi qafas biex jiffaċilita u jippromwovi l-kooperazzjoni fuq firxa wiesgħa ta' oqsma ta' interess reċiproku; u

(c) isaħħaħ il-kooperazzjoni sabiex jiġu żviluppati soluzzjonijiet għal sfidi reġjonali u globali.

2. F'dan il-kuntest, il-Partijiet jaffermaw l-impenn tagħhom li jintensifikaw id-djalogu politiku fuq livell għoli, u jaffermaw mill-ġdid il-valuri u l-prinċipji komuni li jirfdu r-relazzjonijiet bilaterali tagħhom u jiffurmaw bażi għall-kooperazzjoni.

Artikolu 2

Bażi għall-kooperazzjoni

1. Il-Partijiet jaqblu li jsaħħu r-relazzjoni strateġika tagħhom u li jintensifikaw il-kooperazzjoni fil-livelli bilaterali, reġjonali u globali, abbażi tal-valuri u l-interessi komuni.

2. Il-Partijiet jikkonfermaw l-impenn tagħhom favur il-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-istat tad-dritt. Ir-rispett lejn il-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif espressi fil-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, u strumenti internazzjonali rilevanti oħrajn dwar id-drittijiet tal-bniedem li l-Partijiet irratifikaw jew aderixxew magħhom, u għall-prinċipju tal-istat tad-dritt, jirfed il-politiki domestiċi u internazzjonali tal-Partijiet u jikkonstitwixxi element essenzjali ta' dan il-Ftehim.

3. Il-Partijiet jikkonfermaw l-appoġġ qawwi tagħhom lejn il-Karta tan-NU u lejn il-valuri kondiviżi espressi fiha.

4. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom favur il-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp sostenibbli, li jikkontribwixxu għall-kisba ta' għanijiet ta' żvilupp maqbula internazzjonalment, u li jikkooperaw biex jindirizzaw sfidi ambjentali globali, inkluż it-tibdil fil-klima.

5. Il-Partijiet jenfasizzaw l-impenn komuni tagħhom favur in-natura komprensiva tar-relazzjoni bilaterali tagħhom u li jżommu koerenza ġenerali f'dan ir-rigward, abbażi ta' dan il-Ftehim.

6. L-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim tkun ibbażata fuq il-prinċipji tad-djalogu, ir-rispett reċiproku, is-sħubija ugwali, il-kunsens, u r-rispett għad-dritt internazzjonali.

TITOLU II

DJALOGU POLITIKU U KOOPERAZZJONI DWAR POLITIKA ESTERA U KWISTJONIJIET TA' SIGURTÀ

Artikolu 3

Djalogu politiku

1. Il-Partijiet jaqblu li jsaħħu d-djalogu politiku regolari tagħhom.

2. Id-djalogu politiku jfittex li:

(a) jippromwovi l-iżvilupp tar-relazzjoni bilaterali; u

(b) isaħħaħ l-approċċi komuni tal-Partijiet u jidentifika fejn hemm lok għal kooperazzjoni dwar sfidi u kwistjonijiet reġjonali u globali.

3. Id-djalogu bejn il-Partijiet isir b'mod partikolari bil-modi li ġejjin:

(a) konsultazzjonijiet, laqgħat u żjarat fil-livell tal-mexxejja, li jsiru kull meta l-partijiet iqisu li huwa meħtieġ;

(b) konsultazzjonijiet, laqgħat u żjarat fuq il-livell ministerjali, inklużi konsultazzjonijiet fil-livell ta' ministri tal-affarijiet barranin, u laqgħat ministerjali dwar il-kummerċ u kwistjonijiet oħra kif determinat mill-Partijiet, li jsiru meta u fejn jiddeterminaw il-Partijiet;

(c) laqgħat tal-uffiċjali għolja, li jsiru kif xieraq fuq kwistjonijiet bilaterali, il-politika barranija, is-sigurtà internazzjonali, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kummerċ, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, it-tibdil fil-klima, u kwistjonijiet oħra kif determinat mill-Partijiet;

(d) djalogi settorjali dwar kwistjonijiet ta' interess komuni; kif ukoll

(e) skambji ta' delegazzjonijiet u kuntatti oħrajn bejn il-Parlament tal-Awstralja u l-Parlament Ewropew.

Artikolu 4

Impenn favur il-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt

Il-Partijiet jaqblu li:

(a) jippromwovu l-prinċipji fundamentali rigward il-valuri demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, inkluż f'fora multilaterali;

(b) jikkollaboraw u jikkoordinaw, fejn xieraq, u inkluż ma' pajjiżi terzi, fir-rigward tal-avvanz prattiku tal-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;

(c) irawmu l-parteċipazzjoni fl-isforzi tal-parti l-oħra biex tippromwovi d-demokrazija, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' arranġamenti biex tiġi faċilitata l-parteċipazzjoni f'missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali.

Artikolu 5

Ġestjoni tal-kriżijiet

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jikkooperaw fil-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

2. Għal dan il-għan, jesploraw possibiltajiet biex jikkoordinaw attivitajiet ta' ġestjoni ta' kriżijiet, inkluża kooperazzjoni possibbli f'operazzjonijiet ta' ġestjoni ta' kriżijiet.

3. Il-Partijiet jaħdmu biex jimplimentaw il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tal-Awstralja f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-immaniġġar ta' kriżijiet.

Artikolu 6

Ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva

1. Il-Partijiet jikkunsidraw li l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva (AQM) u s-sistemi ta' kunsinna tagħhom, kemm għand atturi statali kif ukoll mhux statali, tirrappreżenta waħda mill-akbar theddidiet serji għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

2. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw u jikkontribwixxu fil-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-AQM u s-sistemi ta' kunsinna tagħhom permezz tal-implimentazzjoni sħiħa tal-obbligi eżistenti tagħhom skont trattati u ftehimiet internazzjonali ta' diżarmament u nonproliferazzjoni, u ftehimiet oħrajn relevanti li l-Partijiet ikunu rratifikaw jew aderixxew għalihom. Il-Partijiet jaqblu li din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi element essenzjali ta' dan il-Ftehim.

3. Barra minn hekk, il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw u jikkontrobwixxu fil-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-AQM u s-sistemi ta' kunsinna tagħhom billi:

(a) jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiffirmaw, jirratifikaw jew jaderixxu għal, kif xieraq, u jimplimentaw kompletament l-istrumenti internazzjonali relevanti kollha u li jippromwovu tali strumenti;

(b) iżommu sistema effettiva ta' kontrolli fuq l-esportazzjonijiet nazzjonali, li tikkontrolla l-esportazzjoni kif ukoll it-tranżitu tal-prodotti relatati mal-AQM, li tinkludi l-kontroll tal-użu aħħari tal-AQM fuq it-teknoloġiji b'użu doppju, u li tipprevedi sanzjonijiet effettivi għall-ksur tal-kontrolli fuq l-esportazzjoni;

(c) jippomwovu l-implimentazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti relevanti kollha;

(d) jikkooperaw f'reġimi ta' kontroll tal-esportazzjoni u f'fora multilateali biex jippromwovu n-nonproliferazzjoni tal-AQM.

(e) jikkollaboraw u jikkordinaw attivitajiet ta' lhiq relatati mas-sikurezza, is-sigurtà u n-nonproliferazzjoni kimika, bijoloġika, radjoloġika u nukleari u s-sanzjonijiet; u

(f) jiskambjaw informazzjoni relevanti dwar miżuri meħuda taħt dan l-artiklu, fejn xieraq u skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

4. Il-Partijiet jaqblu li jżommu għaddej djalogu politiku li jakkumpanja u jikkonsolida dawn l-elementi.

Artikolu 7

Armi ħfief u ta' kalibru żgħir u armi konvenzjonali oħra

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-manifattura, it-trasferiment u ċ-ċirkolazzjoni illegali ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW), u l-munizzjon tagħhom, u l-akkumulazzjoni eċċessiva tagħhom, il-ġestjoni ħażina, il-ħażniet li mhumiex adegwatament siguri u t-tixrid mhux ikkontrollat tagħhom, ikomplu joħolqu theddida serja għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

2. Il-Partijiet jaqblu li josservaw u jimplimentaw kompletament l-obbligi rispettivi tagħhom biex jittrattaw il-kummerċ illeċitu tas-SALW u l-munizzjoni tagħhom, taħt ftehimiet internazzjonali eżistenti li l-Awstralja u jew l-Unjoni u/jew l-Istati Membri jkunu rratifikaw jew aderixxew magħhom, skont il-kompetenzi tagħhom u r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' sistemi ta' kontroll domestiku għat-trasferiment ta' armi konvenzjonali f'konformità ma' standards internazzjonali eżistenti. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li japplikaw dawn il-kontrolli b'mod responsabbli, bħala kontribut għall-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà internazzjonali u reġjonali, u għat-tnaqqis tat-tbatija tal-bnedmin, kif ukoll il-prevenzjoni tad-devjazzjoni ta' armi konvenzjonali.

4. F'dan ir-rigward, il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jagħmlu ħilithom biex jimplimentaw b'mod sħiħ it-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi u li jikkooperaw flimkien fil-qafas tat-Trattat, inkluż fil-promozzjoni tal-universalizzazzjoni u tal-implimentazzjoni sħiħa tat-Trattat mill-Istati Membri kollha tan-NU.

5. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jikkooperaw u li jiżguraw il-koordinazzjoni, il-kumplementarjetà u s-sinerġija fl-isforzi tagħhom biex jittrattaw il-kummerċ illeċitu tas-SALW u l-munizzjoni tagħhom fuq il-livelli globali, reġjonali, sottoreġjonali, u nazzjonali, sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-embargi fuq l-armi deċiżi mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU b'konformità mal-Karta tan-NU.

Artikolu 8

Delitti serji ta' tħassib internazzjonali u l-Qorti Kriminali Internazzjonali

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid li l-aktar reati serji ta' tħassib għall-komunità internazzjonali b'mod ġenerali ma jistgħux ma jiġux penalizzati u li l-prosekuzzjoni tagħhom għandha tiġi żgurata permezz ta' miżuri fil-livell domestiku jew internazzjonali, inkluż permezz tal-Qorti Kriminali Internazzjonali.

2. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fil-promozzjoni tal-miri u l-objettivi tal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali u għal dan il-għan jaqblu li:

(a) ikomplu jieħdu passi biex jimplimentaw l-Istatut ta' Ruma u li jikkunsidraw ir-ratifika u l-implimentazzjoni ta' strumenti relatati (bħall-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Qorti Kriminali Internazzjonali);

(b) ikomplu jippromwovu l-adeżjoni universali mal-Istatut ta' Ruma, inkluż billi jaqsmu ma' Stati oħra l-esperjenzi tal-adozzjoni ta' miżuri meħtieġa għar-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Istatut ta' Ruma; u

(c) jissalvagwardjaw l-integrità tal-Istatut ta' Ruma billi jħarsu l-prinċipji fundamentali tiegħu, inkluż billi jastjenu milli jidħlu fi ftehimiet bilaterali ta' immunità (magħrufin ukoll bħala "Ftehimiet tal-Artikolu 98") ma Stati terzi u billi jheġġu lil oħrajn biex jastjenu wkoll.

Artikolu 9

Kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-importanza tal-prevenzjoni u tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, b'rispett sħiħ lejn l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, u b'konformità mad-dritt internazzjonali applikabbli, inkluża l-Karta tan-NU, konvenzjonijiet internazzjonali kontra t-terroriżmu, ir-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, il-liġi dwar ir-refuġjati u l-liġi umanitarja internazzjonali.

2. F'dan il-qafas u filwaqt li jqisu l-Istrateġija Globali tan-NU kontra t-terroriżmu, li tinsab fir-Riżoluzzjoni 60/288 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tat-8 ta' Settembru 2006 u l-analiżi tal-implimentazzjoni tagħha, il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fil-prevenzjoni u t-trażżin ta' atti terroristiċi, b'mod partikolari billi:

(a) jiskambjaw informazzjoni dwar gruppi terroristiċi u n-networks li jappoġġjawhom skond il-liġi internazzjonali u nazzjonali;

(b) jiskambjaw ideat dwar mezzi u metodi użati kontra t-terroriżmu, inkluż f'oqsma tekniċi u t-taħriġ, u jaqsmu flimkien esperjenzi b'rabta mal-prevenzjoni tat-terroriżmu.

(c) jidentifikaw oqsma għall-kooperazzjoni futura, inkluż dwar il-prevenzjoni tar-reklutaġġ u r-radikalizzazzjoni u fil-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, u permezz ta' sħubijiet ma' pajjiżi terzi;

(d) fejn ikun prattiku u xieraq, jappoġġjaw inizjattivi reġjonali għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, fuq bażi ta' rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;

(e) jikkooperaw sabiex japprofondixxu l-kunsens internazzjonali dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-qafas normattiv tiegħu u billi jaħdmu għal ftehim dwar il-Konvenzjoni Komprensiva dwar it-Terroriżmu Internazzjonali;

(f) jippromwovu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri tan-NU biex jimplimentaw b'mod effettiv l-Istrateġija Globali tan-NU Kontra t-Terroriżmu bil-mezzi kollha xierqa; u

(g) jiskambjaw l-aħjar prattiki fir-rispett tal-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem fil-ġlieda kontra t-terroriżmu;

3. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li, fejn xieraq, jaħdmu flimkien sabiex jipprovdu assistenza għall-bini ta' kapaċità kontra t-terroriżmu lil stati oħrajn li jeħtieġu riżorsi u għarfien espert biex jevitaw u jirrispondu għal attivitajiet terroristiċi.

4. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw mill-qrib fil-qafas tal-Forum Globali Kontra t-Terroriżmu u l-gruppi ta' ħidma tiegħu.

5. Il-Partijiet jaqblu li jżommu għaddej djalogu regolari dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu fuq il-livell ta' uffiċjali.

Artikolu 10

Kooperazzjoni f'organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali

Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jikkooperaw billi jiskambjaw il-fehmiet u, fejn xieraq, jikkoordinaw pożizzjonijiet f'organizzazzjonijiet u fora internazzjonali u reġjonali, inkluż in-NU u l-aġenziji speċjalizzati tagħha, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO"), il-Grupp tal-Għoxrin ("G20"), il-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB), l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi ("OECD"), il-Grupp tal-Bank Dinji u l-banek għall-iżvilupp reġjonali, il-Laqgħa Asja-Ewropa ("ASEM"), l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa ("OSCE"), il-Forum Reġjonali tal-ASEAN ("ARF"), il-Forum tal-Gżejjer tal-Paċifiku ("PIF") u s-Segretarjat tal-Komunità tal-Paċifiku.

Artikolu 11

Sigurtà internazzjonali u ċiberspazju

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-kooperazzjoni u l-iskambju tal-fehmiet fil-qasam tas-sigurtà internazzjonali u ċ-ċiberspazju, inkluż dwar in-normi ta' kondotta u l-applikazzjoni tad-dritt internazzjonali fiċ-ċiberspazju, l-iżvilupp ta' miżuri li jibnu l-kunfidenza u l-bini ta' kapaċità.

TITOLU III

KOOPERAZZJONI DWAR L-IŻVILUPP GLOBALI U L-GĦAJNUNA UMANITARJA

Artikolu 12

Żvilupp

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli u t-tnaqqis tal-faqar, li jsaħħu l-kooperazzjoni fir-rigward tal-iżvilupp internazzjonali u li jippromwovu l-effettività tal-għajnuna u l-iżvilupp, b'enfasi partikolari fuq l-implimentazzjoni fuq il-livell ta' pajjiż.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-valur li jaħdmu flimkien biex jiżguraw li l-attivitajiet ta' żvilupp ikollhom impatt, medda u influenza ikbar.

3. Għal dan l-għan, il-Partijiet jaqblu li:

(a) jkollhom djalogu ta' politika dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp;

(b) jiskambjaw fehmiet u, fejn xieraq, jikkoordinaw pożizzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' żvilupp f'fora reġjonali u internazzjonali sabiex jippromwovu t-tkabbir inklussiv u sostenibbli għall-iżvilupp uman;

(c) jiskambjaw informazzjoni dwar il-programmi tal-iżvilupp rispettivi tagħhom u, fejn xieraq, jikkoordinaw l-interazzjoni tagħhom fil-pajjiż biex iżidu l-kontribuzzjoni tagħhom lejn it-tkabbir ekonomiku sostenibbli u t-tnaqqis tal-faqar billi jippromwovu sinerġiji bejn il-programmi rispettivi tagħhom, li jtejbu t-tqassim tax-xogħol u jsaħħu l-effettività fuq il-post; u

(d) jagħmlu kooperazzjoni dwar l-għajnuna delegata f'isem xulxin, fejn xieraq, abbażi ta' arranġamenti determinati reċiprokament mill-Partijiet.

Artikolu 13

Għajnuna Umanitarja

Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn komuni tagħhom favur l-għajnuna umanitarja u jagħmlu ħilithom biex joffru risponsi koordinati kif xieraq.

TITOLU IV

KOOPERAZZJONI DWAR KWISTJONIJIET EKONOMIĊI U KUMMERĊJALI

Artikolu 14

Djalogu dwar il-politika ekonomika

Il-Partijiet jaqblu li jżommu għaddej id-djalogu bejn l-awtoritajiet tagħhom u li jippromwovu l-iskambju ta' informazzjoni u l-qsim ta' esperjenzi dwar il-politiki u x-xejriet makroekonomiċi rispettivi tagħhom, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi fil-kuntest tal-kooperazzjoni ekonomika u integrazzjoni reġjonali.

Artikolu 15

Djalogu u kooperazzjoni dwar il-kummerċ u l-investiment

1. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jikkooperaw sabiex jiżguraw il-kondizzjonijiet għal, u l-promozzjoni ta', iktar kummerċ u investiment bejniethom.

2. Il-Partijiet huma impenjati favur djalogu u kooperazzjoni f'livell għoli f'oqsma relatati mal-kummerċ u l-investiment sabiex jiffaċilitaw il-flussi bilaterali tal-kummerċ u l-investiment, biex jipprevjenu u jneħħu ostakli nontariffarji għall-kummerċ u l-investiment, li jtejbu t-trasparenza li javvanzaw is-sistema kummerċjali multilaterali.

3. Id-djalogu dwar kwistjonijiet ta' kummerċ u investiment jinkludi:

(a) djalogu annwali rigward il-politiki fil-livell ta' uffiċjali għolja, ikkumplementat minn laqgħat ministerjali dwar il-kummerċ, meta jiddeċiedu l-Partijiet;

(b) djalogi dwar il-kummerċ u l-kummerċjalizzazzjoni agrikoli, kwistjonijiet sanitarji u fitosanitarji; u

(c) skambji settorjali oħra, meta jiddeċiedu l-Partijiet;

4. Il-Partijiet iżommu lil xulxin infurmati u jiskambjaw fehmiet dwar l-iżvilupp tal-kummerċ bilaterali u internazzjonali, l-aspetti relatati mal-kummerċ u l-investiment ta' politiki oħrajn, inklużi kwistjonijiet regolatorji b'impatt potenzjali fuq il-kummerċ u l-investiment bilaterali.

5. Il-Partijiet jiskambjaw informazzjoni dwar l-approċċi tal-politiki tagħhom lejn il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles (FTAs) u l-aġendi FTA rispettivi tagħhom. Dan il-ftehim la jeħtieġ u la jipprekludi n-negozjar u l-konklużjoni ta' FTA bejn il-Partijiet fil-ġejjieni biex jikkomplementa u jestendi d-dispożizzjonijiet ekonomiċi ta' dan il-Ftehim.

6. Filwaqt li jirrikonoxxu l-valur tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ bħala mutur tat-tkabbir ekonomiku globali u l-importanza li dan isir permezz ta' sistema kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli, il-Partijiet jaffermaw l-impenn tagħhom li jaħdmu flimkien fid-WTO sabiex jiksbu iktar liberalizzazzjoni tal-kummerċ.

Artikolu 16

Investiment

Il-Partijiet jippromwovu ambjent attraenti u stabbli għall-investiment bidirezzjonali permezz tad-djalogu, immirat li:

(a) isaħħaħ il-fehim reċiproku u l-kooperazzjoni bejniethom fuq kwistjonijiet ta' investiment;

(b) jesplora mekkaniżmi biex il-flussi ta' investiment jiġu ffaċilitati; u

(c) irawwem regoli għall-investituri li huma stabbli, trasparenti, nondiskriminatorji u miftuħa, mingħajr ħsara għall-impenji tal-Partijiet taħt ftehimiet preferenzjali u obbligi internazzjonali oħrajn.

Artikolu 17

Akkwist pubbliku

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom favur oqfsa tal-akkwist pubbliku miftuħa u trasparenti, konsistenti mal-obbligi internazzjonali tagħhom, li jippromwovu valur tajjeb għall-flus, swieq kompetittivi, u prattiki ta' akkwist nondiskriminatorji u b'hekk jissaħħaħ il-kummerċ bejn il-Partijiet.

2. Il-Partijiet jaqblu li jkomplu jsaħħu l-konsultazzjoni, il-kooperazzjoni u l-iskambji ta' esperjenza u l-aħjar prattiki tagħhom fil-qasam tal-akkwist pubbliku fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' interess reċiproku, inkluż dwar l-oqfsa regolatorji rispettivi tagħhom.

3. Il-Partijiet jaqblu li jesploraw modi biex ikomplu jippromwovu l-aċċess għas-swieq ta' xulxin f'dak li jirrigwarda l-akkwist pubbliku, u jiskambjaw fehmiet dwar miżuri u prattiki li jistgħu jaffetwaw b'mod ħażin il-kummerċ tal-akkwist pubbliku bejniethom.

Artikolu 18

Ostakli tekniċi għall-kummerċ

1. Il-Partijiet għandhom il-fehma komuni li kompattibbiltà ikbar tal-istandards, ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità hija element ewlieni fl-iffaċilitar tal-kummerċ.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-interess reċiproku tagħhom li jitnaqqsu l-ostakli tekniċi għall-kummerċ, u għal dan il-għan jaqblu li jikkooperaw fil-qafas tal-Ftehim dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ tad-WTO u permezz tal-Ftehim dwar l-għarfien reċiproku b'relazzjoni mal-istima ta' konformità, ċertifikati u mmarkat bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja.

Artikolu 19

Kwistjonijiet sanitarji, fitosanitarji u tat-trattament xieraq tal-annimali

1. Il-Partijiet jaqblu li jsaħħu l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet sanitarji u fitosanitarji ("SPS") biex iħarsu l-ħajja tal-bnedmin, l-annimali u l-pjanti fit-territorju tal-Partijiet, filwaqt li jinnutaw id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet taħt il-Ftehim tad-WTO dwar l-Applikazzjoni tal-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji ("il-Ftehim SPS").

2. Fil-qafas tal-Ftehim SPS u l-istandards relevanti internazzjonali tal-Codex Alimentarius, il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti ("IPPC") u l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali ("OIE"), il-Partijiet jaqsmu l-informazzjoni ma' xulxin sabiex isaħħu l-fehim reċiproku tal-miżuri SPS rispettivi tagħhom u jiffaċilitaw il-kummerċ bejn il-Partijiet billi:

(a) jiltaqgħu regolarment f'fora xierqa determinati mill-Partijiet biex jiskambjaw fehmiet dwar il-leġiżlazzjoni, l-implimentazzjoni, is-sistemi ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni u l-proċeduri ta' sorveljanza relatati mal-SPS u t-trattament xieraq tal-annimali, u li jindirizzaw kwistjonijiet li jinbtu mill-applikazzjoni ta' miżuri SPS;

(b) jagħmlu ħilithom biex japplikaw rekwiżiti ta' importazzjoni għat-territorju sħiħ tal-Parti esportatriċi, inkluża l-applikazzjoni tal-prinċipji tar-reġjonalizzazzjoni;

(c) b'mod konformi mal-Ftehim SPS:

 (i) jirrikonoxxu żoni ħielsa mill-pesti u l-mard, u żoni bi prevalenza baxxa ta' pesti jew mard;

 (ii) iwettqu kontroll sħiħ jew parzjali tas-sistema ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni tal-awtoritajiet tal-Parti esportatriċi;

(d) jiskambjaw informazzjoni dwar kwistjonijiet SPS u t-trattament xieraq tal-annimali li jaffettwaw jew jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet, bħal miżuri ta' emerġenza, mard u pesti emerġenti, u evidenza xjentifika ġdida.

3. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni dwar kwistjonijiet tat-trattament xieraq tal-annimali.

4. Il-Partijiet jikkooperaw ukoll fuq kwistjonijiet SPS u tat-trattament xieraq tal-annimali permezz ta' oqfsa multilaterali relevanti, inkluż id-WTO, il-Kummissjoni tal-Codex Alimentarius, l-IPPC u l-OIE.

Artikolu 20

Dwana

Il-Partijiet, suġġett għal-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom, jikkooperaw fil-qasam doganali fuq bażi bilaterali u multilaterali. Għal dan l-għan, jaqblu b'mod partikolari li jaqsmu flimkien l-esperjenzi tagħhom u jeżaminaw il-possibiltajiet li jissimplifikaw il-proċeduri doganali, jiżguraw it-trasparenza u jsaħħu l-kooperazzjoni f'oqsma bħall-faċilitazzjoni tal-kummerċ, is-sigurtà u s-sikurezza tal-kummerċ internazzjonali u l-ġlieda kontra l-frodi doganali.

Artikolu 21

Proprjetà intellettwali

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-importanza tad-drittijiet u l-obbligi tagħhom fir-rigward tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inklużi d-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati, trademarks, indikazzjonijiet ġeografiċi, disinji industrijali, drittijiet fuq varjetajiet ta' pjanti u privattivi, u l-infurzar tagħhom, f'konformità mal-ogħla standards internazzjonali li kull Parti taderixxi għalihom.

2. Il-Partijiet jaqblu li jiskambjaw informazzjoni u li jaqsmu flimkien l-esperjenza dwar il-kwistjonijiet tal-proprjetà intellettwali li jirrelataw mal-amministrazzjoni, il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali permezz ta' forom ta' kooperazzjoni xierqa.

Artikolu 22

Politika dwar il-kompetizzjoni

Il-Partijiet jippromwovu l-kompetizzjoni f'attivitajiet ekonomiċi billi jinfurzaw il-liġijiet u r-regolamenti dwar il-kompetizzjoni rispettivi tagħhom. Il-Partijiet jaqblu li jaqsmu informazzjoni dwar il-politika tal-kompetizzjoni u kwistjonijiet relatati u li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tagħhom.

Artikolu 23

Servizzi

Il-Partijiet jistabbilixxu djalogu sostantiv immirat li jippromwovi l-kummerċ bilaterali fis-servizzi u li jiskambjaw l-informazzjoni dwar l-ambjenti superviżorji rispettivi tagħhom.

Artikolu 24

Servizzi finanzjarji

Fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, il-Partijiet jaqblu li jżommu għaddej l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenzi dwar l-ambjenti superviżorji u regolatorji rispettivi tagħhom, u li jsaħħu l-kooperazzjoni bil-ħsieb li jtejbu s-sistemi ta' kontabilità, awditjar, superviżjoni u regolazzjoni għas-setturi bankarji, assigurattivi u partijiet oħrajn mis-settur finanzjarju.

Artikolu 25

Tassazzjoni

1. Bil-ħsieb li jissaħħu u jiġu żviluppati l-attivitajiet ekonomiċi b'kunsiderazzjoni għall-ħtieġa ta' qafas regolatorju xieraq, il-Partijiet jirrikonoxxu u jimpenjaw ruħhom li fil-qasam tat-taxxi jimplimentaw il-prinċipji tal-governanza tajba, inklużi t-trasparenza, l-iskambju ta' informazzjoni u l-evitar ta' prattiki ta' taxxa dannużi.

2. Skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom, il-Partijiet jaħdmu flimkien, inkluż permezz ta' fora internazzjonali xierqa, biex itejbu l-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa u jiffaċilitaw il-ġbir ta' dħul leġittimu mit-taxxa, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji tal-governanza tajba msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 26

Trasparenza

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tat-trasparenza u l-proċess ġust fl-amministrazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti relatati mal-kummerċ kif stabbilit fl-Artikolu X tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ ("GATT 1994") u l-Artikolu III tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi ("GATS"), u għal dan l-għan jaqblu li jsaħħu l-kooperazzjoni u jiskambjaw l-informazzjoni sabiex jippromwovu l-kwalità u l-prestazzjoni regolatorja u l-prinċipji tal-imġiba amministrattiva tajba.

Artikolu 27

Materja prima

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li approċċ trasparenti msejjes fuq is-suq huwa l-aħjar mod li bih jinħoloq ambjent li jiffavorixxi l-investiment fil-produzzjoni u l-kummerċ ta' materja prima, u li jrawwem l-allokazzjoni u l-użu effiċjenti tal-materja prima.

2. Il-Partijiet, filwaqt li jqisu l-politiki u għanijiet ekonomiċi tagħhom, u bil-ħsieb li jrawmu l-kummerċ, jaqblu li jsaħħu l-kooperazzjoni fuq kwistjonijiet relatati mal-materja prima, bil-ħsieb li jsaħħu qafas għall-kummerċ tal-materja prima msejjes fuq ir-regoli, u li jippromwovu t-trasparenza fis-swieq globali tal-materja prima.

3. Suġġetti għall-kooperazzjoni jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn:

(a) kwistjonijiet ta' provvista u domanda, kwistjonijiet bilaterali dwar il-kummerċ u l-investiment, kif ukoll kwistjonijiet ta' interess li jinbtu mill-kummerċ internazzjonali;

(b) l-oqfsa regolatorji rispettivi tal-Partijiet u

(c) l-aħjar prattiki fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli tal-industrija tal-minjieri, inkluża l-politika dwar il-minerali, l-ippjanar tal-użu tal-art u proċeduri ta' awtorizzazzjoni.

4. Il-Partijeit se jikkooperaw permezz tad-djalogu bilaterali jew f'istituzzjonijiet internazzjonali jew kuntesti plurilaterali relevanti.

Artikolu 28

Kummerċ u żvilupp sostenibbli

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom għall-promozzjoni tal-iżvilupp tal-kummerċ u l-investiment internazzjonali, b'tali mod li jikkontribwixxu għall-objettiv tal-iżvilupp sostenibbli u u se jagħmlu ħilithom biex jiżguraw li dan l-objettiv jiġi rrealizzat fl-oqsma relevanti tar-relazzjoni ekonomika tagħhom.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu d-dritt ta' kull Parti li tistabbilixxi l-livelli proprji ta' protezzjoni domestika tal-ambjent u tax-xogħol, u li tadotta jew timmodifika l-liġijiet u l-politiki rilevanti tagħha, b'mod konsistenti mal-impenn tagħhom favur standards u ftehimiet rikonoxxuti internazzjonalment.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu wkoll li għandhom jevitaw li jinkoraġġixxu l-kummerċ jew l-investiment billi jnaqqsu jew joffru li jnaqqsu l-livelli ta' protezzjoni mogħtija fil-liġijiet domestiċi ambjentali u tax-xogħol.

4. Il-Partijiet jiskambjaw l-informazzjoni u jaqsmu flimkien l-esperjenza dwar l-azzjonijiet tagħhom biex jippromwovu l-koerenza u l-appoġġ reċiproku bejn l-objettivi kummerċjali, soċjali u ambjentali, inklużi l-aspetti stipulati fit-Titolu VIII, u jsaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' żvilupp sostenibbli li jistgħu jinqalgħu fil-kuntest tar-relazzjonijiet kummerċjali.

Artikolu 29

Kooperazzjoni kummerċjali

1. Il-Partijiet jinkoraġġixxu konnessjonijet iktar b'saħħithom bejn in-negozji u jsaħħu l-konnessjonijiet bejn il-gvernijiet u n-negozji permezz ta' żjarat bidirezzjonali, kif ukoll permezz ta' attivitajiet li jinvolvu n-negozju, inkluż fil-kuntest tal-ASEM.

2. B'mod partikolari, din il-kooperazzjoni jkollha l-għan li ttejjeb il-kompetittività tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Din il-kooperazzjoni tista' tinkludi, fost l-oħrajn:

(a) l-istimulazzjoni tat-trasferiment tat-teknoloġija;

(b) l-iskambju ta' prattiki tajbin dwar l-aċċess għall-finanzjament;

(c) il-promozzjoni tar-responsabbiltà soċjali korporattiva u l-obbligu ta' rendikont; u

(d) l-iżvilupp tal-kooperazzjoni eżistenti dwar l-istandards u l-valutazzjoni tal-konformità.

3. Il-Partijiet jaqblu li jiffaċilitaw u jiżviluppaw djalogu u kooperazzjoni bejn l-aġenziji li jippromwovu l-kummerċ u l-investiment rispettivi tagħhom.

Artikolu 30

Soċjetà ċivili

Il-Partijiet jinkoraġġixxu d-djalogu bejn l-organizzazzjonijiet governattivi u nongovernattivi, bħalma huma t-trejdjunjins, l-impjegaturi, l-assoċjazzjonijiet tan-negozju, u l-kmamar tal-kummerċ u l-industrija, bil-ħsieb li jippromwovu l-kummerċ u l-investiment f'oqsma ta' interess reċiproku.

Artikolu 31

Turiżmu

Filwaqt li jirrikonoxxu l-valur tat-turiżmu fl-approfondiment tal-fehim u l-apprezzament reċiproku bejn il-popli tal-Unjoni Ewropea u tal-Awstralja, u l-benefiċċji ekonomiċi li jirriżultaw minn żieda fit-turiżmu, il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw bil-għan li jiżdied it-turiżmu fiż-żewġ direzzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Awstralja.

TITOLU V

KOOPERAZZJONI DWAR IL-ĠUSTIZZJA, IL-LIBERTÀ U S-SIGURTÀ

Artikolu 32

Kooperazzjoni legali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tad-dritt internazzjonali privat u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u legali f'materji ċivili u kummerċjali biex jappoġġjaw ambjent li jiffaċilita l-kummerċ u l-investiment internazzjonali u l-mobilità tal-persuni. Il-Partijiet jaqblu li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom, inkluż permezz tan-negozjar, ir-ratifika u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali, bħal dawk adottati fil-qafas tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.

2. Il-Partijiet jaqblu li jiffaċilitaw u jinkoraġġixxu s-soluzzjoni arbitrali ta' tilwimiet ċivili u kummerċjali privati internazzjonali, fejn ikun xieraq, skont l-istrumenti internazzjonali applikabbli.

3. Rigward il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, il-Partijiet isaħħu l-kooperazzjoni dwar l-għajnuna legali reċiproka abbażi ta' strumenti internazzjonali relevanti. Din tista' tinkludi, fejn xieraq, l-adeżjoni ma', u l-implimentazzjoni ta' strumenti rilevanti tan-NU. Tista' tinkludi wkoll, fejn xieraq, appoġġ għal strumenti rilevanti tal-Kunsill tal-Ewropa u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet Awstraljani u l-Eurojust.

Artikolu 33

Kooperazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi

Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw bejn l-awtoritajiet, l-aġenziji u s-servizzi tal-infurzar tal-liġi u li jikkontribwixxu sabiex ifixklu u jiżmantellaw theddidiet ta' kriminalità transnazzjonali komuni għall-Partijiet. Din il-kooperazzjoni tista' tieħu l-forma ta' assistenza reċiproka fl-investigazzjonijiet, il-kondiviżjoni ta' metodi investigattivi, edukazzjoni u taħriġ konġunti għall-persunal tal-infurzar tal-liġi u kwalunkwe tip ieħor ta' attività u għajnuna konġunti kif jista' jiġi deċiż b'mod reċiproku mill-Partijiet.

Artikolu 34

Il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata transnazzjonali

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fil-prevenzjoni u t-trażżin tat-terroriżmu kif stabbilit fl-Artikolu 9.

2. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jikkooperaw fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, ekonomika u finanzjarja, il-korruzzjoni, l-iffalsifikar u t-tranżazzjonijiet illegali, billi jikkonformaw b'mod sħiħ mal-obbligi internazzjonali reċiproki tagħhom eżistenti f'dan il-qasam, inklużi dawk dwar il-kooperazzjoni effettiva fl-irkupru ta' assi jew fondi li ġejjin minn atti ta' korruzzjoni.

3. Fil-kuntest tal-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' kriminalità internazzjonali serja, il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri.

4. Il-Partijiet jippromwovu l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali u l-Protokolli li jissuplimentawha, inkluża l-promozzjoni ta' mekkaniżmi ta' rieżami b'saħħithom u effiċjenti.

5. Il-Partijiet jippromwovu wkoll l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni, inkluża l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' rieżami b'saħħtu, filwaqt li jqisu l-prinċipji tat-trasparenza u l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili.

Artikolu 35

Ġlieda kontra d-drogi illeċiti

1. Fil-kuntest tas-setgħat u l-kompetenzi rispettivi tagħhom, il-Partijiet jikkooperaw biex jiżguraw approċċ bilanċjat u integrat sabiex jiġi mminimizzat id-deni lil individwi, familji, u komunitajiet kaġun tad-drogi illeċiti. Il-politiki u l-azzjonijiet dwar id-drogi jkunu mmirati lejn it-tisħiħ tal-istrutturi għall-ġlieda kontra d-drogi illeċiti, it-tnaqqis fil-provvista, it-traffikar, u d-domanda, tad-drogi, li jiġu indirizzati l-konsegwenzi ta' saħħa u soċjali tal-abbuż tad-droga, li jinbena l-irkupru mid-dependenza, kif ukoll it-tkomplija tal-kooperazzjoni sabiex tiġi miġġielda b'mod effettiv id-diverżjoni ta' prekursuri kimiċi użati fil-manifattura illeċita tad-drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi.

2. Il-Partijiet jikkooperaw bil-ħsieb li jiżmantellaw in-netwerks kriminali transnazzjonali involuti fit-traffikar tad-droga permezz ta', fost l-oħrajn, l-iskambju ta' informazzjoni u intelligence, it-taħriġ jew il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, inklużi tekniki investigattivi speċjali. Isir sforz partikulari kontra l-penetrazzjoni mill-kriminali fl-ekonomija leċita.

3. Il-Partijiet jikkooperaw biex jindirizzaw il-kwistjoni ta' sustanza psikoattiva ġdida, inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u intelligence, kif xieraq.

Artikolu 36

Ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità

1. Il-Partijiet isaħħu l-kooperazzjoni biex jimpedixxu u jiġġieldu r-reati ta' teknoloġija għolja, ċibernetiċi u elettroniċi u d-distribuzzjoni ta' kontenut illegali, inkluż kontenut terroristiku, permezz tal-internet, billi jiskambjaw l-informazzjoni u l-esperjenzi prattiċi b'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom u l-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, fil-limiti tar-responsabbiltà tagħhom.

2. Il-Partijiet jiskambjaw informazzjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-investigaturi taċ-ċiberkriminalità, l-investigazzjoni taċ-ċiberkriminalità, u x-xjenza forensika diġitali.

3. Il-Partijiet jippromwovu l-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità bħala l-istandard globali kontra ċ-ċiberkriminalità f'kull livell xieraq.

Artikolu 37

Ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid il-ħtieġa li jikkooperaw sabiex jipprevjenu li s-sistemi finanzjarji tagħhom jintużaw biex isir il-ħasil tal-qligħ mill-attivitajiet kriminali kollha, inkluż it-traffikar tad-droga u l-korruzzjoni, u sabiex jiġġieldu kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. Din il-kooperazzjoni testendi għall-irkupru ta' assi jew fondi li jkunu ġejjin minn attivitajiet kriminali.

2. Il-Partijiet jiskambjaw informazzjoni relevanti fil-qafas tal-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom, u jimplimentaw miżuri adatti biex jiġġieldu l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, b'konformità ma' standards adottati minn korpi internazzjonali relevanti attivi f'dan il-qasam, bħalma hi t-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF).

Artikolu 38

Migrazzjoni u Ażil

1. Il-Partijiet jaqblu li jintensifikaw id-djalogu u l-kooperazzjoni rigward kwistjonijiet ta' migrazzjoni, ażil, parteċipazzjoni u diversità.

2. Il-kooperazzjoni tista' tinkludi l-iskambju ta' informazzjoni dwar approċċi għall-immigrazzjoni irregolari, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni, it-traffikar tal-bnedmin, l-ażil, il-parteċipazzjoni soċjali u ekonomika tal-migranti, il-ġestjoni tal-fruntieri, il-viżi, il-bijometrika, u s-sigurtà tad-dokumenti.

3. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw sabiex jipprevjenu u jikkontrollaw il-migrazzjoni irregolari. Għal dan il-għan:

(a) l-Awstralja tieħu lura kull wieħed miċ-ċittadini tagħha li jkunu jinsabu illegalment fit-territorju ta' Stat Membru, fuq talba ta' dan tal-aħħar, mingħajr formalitajiet bla bżonn li jikkawżaw dewmien żejjed;

(b) kull Stat Membru jieħu lura kull wieħed miċ-ċittadini tiegħu li jkunu jinsabu illegalment fit-territorju tal-Awstralja, fuq talba ta' din tal-aħħar, mingħajr formalitajiet bla bżonn li jikkawżaw dewmien żejjed; u

(c) l-Istati Membri u l-Awstralja jipprovdu wkoll liċ-ċittadini tagħhom b'dokumenti xierqa ta' identità għal dawn l-iskopijiet.

4. Il-Partijiet, fuq talba ta' kwalunkwe Parti, jesploraw il-possibiltà li jikkonkludu Ftehim bejn l-Awstralja u l-Unjoni Ewropea dwar ir-riammissjoni. Dan se jinkludi l-konsiderazzjoni ta' arranġamenti xierqa għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi.

Artikolu 39

Protezzjoni konsulari

1. L-Awstralja taqbel li l-awtoritajiet diplomatiċi u konsulari ta' kwalunkwe Stat Membru rappreżentat jistgħu jeżerċitaw il-protezzjoni konsulari ([1]) fl-Awstralja f'isem Stati Membri oħra li ma jkollhomx rappreżentazzjoni permanenti aċċessibbli fl-Awstralja.

2. L-Unjoni u l-Istati Membri jaqblu li l-awtoritajiet diplomatiċi u konsulari tal-Awstralja jistgħu jeżerċitaw protezzjoni konsulari f'isem pajjiż terz u li pajjiżi terzi jistgħu jeżerċitaw protezzjoni konsulari f'isem l-Awstralja fl-Unjoni f'postijiet fejn l-Awstralja jew il-pajjiż terz ikkonċernat ma jkollhomx rappreżentazzjoni permanenti aċċessibbli.

3. Il-paragrafi 1 u 2 huma maħsuba biex ineħħu kull rekwiżit għal notifika jew kunsens li b'mod ieħor ikunu jistgħu japplikaw.

4. Il-Partijiet jaqblu li jiffaċilitaw djalogu dwar affarijiet konsulari bejn l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom.

([1]) L-Awstralja tista' taqbel li jintuża t-terminu "protezzjoni konsulari" f'dan l-Artiklu, minflok it-terminu "funzjonijiet konsulari", bil-fehim li dak tal-ewwel ikopri l-funzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/637 tal-20 ta' April 2015 dwar il-miżuri ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-protezzjoni konsulari għal ċittadini mhux rappreżentati tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u li tħassar id-Deċiżjoni 95/553/KE, u li dawk il-funzjonijiet jinkludu l-għoti ta' passaporti ta' emerġenza u/jew dokumenti tal-ivvjaġġar.

Artikolu 40

Protezzjoni tad-dejta personali

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw bil-għan li jiżguraw li l-livelli tal-protezzjoni ta' dejta personali jkunu konsistenti mal-istandards relevanti internazzjonali, inklużi l-Linji Gwida tal-OECD dwar il-Protezzjoni tal-Privatezza u l-Fluss Bejn il-Fruntieri ta' Informazzjoni Personali.

2. Il-kooperazzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta personali tista' tinkludi, fost l-oħrajn, l-iskambju ta' informazzjoni u kompetenza esperta. Din tista' wkoll tinkludi l-kooperazzjoni bejn korpi regolatorji simili f'korpi bħall-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sigurtà u l-Privatezza fl-Ekonomija Diġitali tal-OECD u n-Netwerk Globali ta' Infurzar tal-Privatezza.

TITOLU VI

KOOPERAZZJONI FL-OQSMA TAR-RIĊERKA, L-INNOVAZZJONI U S-SOĊJETÀ TAL-INFORMAZZJONI

Artikolu 41

Xjenza, riċerka u innovazzjoni

1. Il-Partijiet jaqblu li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fl-oqsma tax-xjenza, ir-riċerka, u l-innovazzjoni, b'appoġġ għal, jew kumplimentari għal, il-Ftehim relatat mal-kooperazzjoni xjentifika u teknika bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja.

2. Il-kooperazzjoni msaħħa tfittex li, fost l-oħrajn:

(a) tindirizza sfidi tas-soċjetà ewlenin komuni bejn l-Awstralja u l-Unjoni kif eżaminat u maqbul mill-Kumitat Konġunt dwar Kooperazzjoni fix-Xjenza u t-Teknoloġija stabbilit skont l-Artikolu 5 tal-Ftehim relatat mal-kooperazzjoni xjentifika u teknika bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja;

(b) tinkludi firxa ta' atturi tal-innovazzjoni mis-settur pubbliku u dak privat, inklużi l-SMEs, biex jiġi ffaċilitat l-isfruttar tar-riżultati tar-riċerka kollaborattiva u l-kisba ta' riżultati kummerċjali u/jew soċjali ta' benefiċċju reċiproku.

(c) issaħħaħ iktar l-ambitu għal riċerkaturi tal-Awstralja u l-Unjoni biex japprofittaw mill-opportunitajiet provduti mill-programmi ta' riċerka u innovazzjoni ta' kull parti, inkluż permezz ta':

   (i) informazjoni komprensiva dwar programmi u opportunitajiet għal parteċipazzjoni;

   (ii) informazzjoni fil-ħin dwar prijoritajiet strateġiċi emerġenti;

   (iii) jiġi esplorat l-amitu għall-użu u t-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' kollaborazzjoni bħat-titwim, is-sejħiet konġunti u s-sejħiet koordinati; u

(d) tesplora l-ambitu li fih l-Awstralja u l-Unjoni jistgħu jaħdmu flimkien biex jibdew u jipparteċipaw f'kollaborazzjoni ta' riċerka u innovazzjoni reġjonali u internazzjonali.

3. Il-Partijiet, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tagħhom, jinkoraġġixxu lis-settur pubbliku u privat kif ukoll is-soċjetà ċivili fit-territorju tagħhom biex jieħdu sehem f'attivitajiet biex isaħħu l-kooperazzjoni.

4. Il-kooperazzjoni msaħħa tiffoka fuq kull qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni ċivili, inkluż, imma mhux limitata għal:

(a) li jiġu indirizzati sfidi għas-soċjetà f'oqsma ta' interess reċiproku u li jissaħħu teknoloġiji abilitanti essenzjali, fosthom ix-xjenza spazjali;

(b) l-infrastruttura tar-riċerka, inkluża l-e-infrastruttura, u l-iskambju ta' informazzjoni fuq kwistjonijiet bħall-aċċess, il-ġestjoni, il-finanzjament u l-prijoritizzazzjoni tal-infrastrutturi tar-riċerka; u

(c) it-tisħiħ tal-mobilità tar-riċerkaturi bejn l-Awstralja u l-Unjoni.

Artikolu 42

Soċjetà tal-informazzjoni

1. Billi jirrikonoxxu li t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni huma elementi ewlenin tal-ħajja moderna u ta' importanza vitali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali, il-Partijiet jaqblu li jiskambjaw il-fehmiet tagħhom dwar il-linji ta' politika rispettivi tagħhom f'dan il-qasam.

2. Il-kooperazzjoni f'dan il-qasam tista' tiffoka, fost l-oħrajn, fuq:

(a) l-iskambju ta' fehmiet dwar aspetti differenti tas-soċjetà tal-informazzjoni, b'mod partikulari politiki u regolamentazzjoni tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, inkluż is-servizz universali, il-liċenzjar u l-awtorizzazzjonijiet ġenerali, il-protezzjoni tal-privatezza u d-dejta personali, il-gvern elettroniku u l-gvern apert, is-sigurtà tal-internet u l-indipendenza u l-effiċjenza tal-awtoritajiet regolatorji;

(b) l-interkonnessjoni u l-interoperabbiltà tan-netwerks ta' riċerka u infrastrutturi u servizzi tad-dejta tal-kompjuters u x-xjenza, inkluż f'kuntest reġjonali;

(c) l-istandardizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u t-tixrid ta' teknoloġiji ġodda tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni;

(d) aspetti ta' sigurtà, fiduċja u privatezza ta' teknoloġiji u servizzi tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, inkluż il-promozzjoni tas-sikurezza online, il-ġlieda kontra l-użu ħażin tat-teknoloġija tal-informatika u kull forma ta' mezz elettroniku, u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni; u

(e) l-iskambju ta' fehmiet dwar miżuri biex jindirizzaw il-kwistjoni tal-ispejjeż tar-roaming internazzjonali bil-mowbajls, inkluż bħala ostakolu għall-kummerċ wara l-fruntieri.

TITOLU VII

KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAL-EDUKAZZJONI U L-KULTURA

Artikolu 43

Edukazzjoni, taħrig u żgħażagħ

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-kontribuzzjoni kruċjali li l-edukazzjoni u t-taħriġ jagħmlu għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u t-tkabbir sostenibbli għal ekonomiji bbażati fuq l-għarfien, u jirrikonoxxu li għandhom interess komuni li jikkooperaw fuq l-edukazzjoni, it-taħriġ u fuq kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu maż-żgħażagħ relatati.

2. B'mod konformi mal-interessi reċiproċi tagħhom u l-miri tal-politiki tagħhom dwar l-edukazzjoni, il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jkomplu d-djalogu UE-Awstralja dwar il-politiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ u li flimkien jappoġġjaw attivitajiet adatti ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ, u ż-żgħażagħ. Din il-kooperazzjoni tikkonċerna s-setturi kollha tal-edukazzjoni, u tista' tieħu l-forma ta', fost l-oħrajn:

(a) il-mobilità ta' individwi permezz tal-promozzjoni u l-faċilitazzjoni tal-iskambju tal-istudenti, l-istaff akkademiku u amministrattiv ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja, għalliema u dawk li jaħdmu maż-żgħażagħ;

(b) proġetti ta' kooperazzjoni konġunti bejn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Unjoni u l-Awstralja bil-ħsieb li jiġi promoss l-iżvilupp tal-kurrikulu, programmi tal-istudju u lawrji konġunti, u l-mobilità tal-għalliema u l-istudenti.

(c) il-kooperazzjoni, il-konnessjonijiet, u s-sħubijiet bejn l-istituzzjonijiet bil-ħsieb li jiġi promoss l-iskambju tal-esperjenza u l-kompetenzi, u rabtiet effettivi bejn l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni. u

(d) l-appoġġ għar-riforma tal-politiki permezz ta' djalogu, studji, konferenzi, seminars, gruppi ta' ħidma, eżerċizzji ta' parametraġġ referenzjarju u l-iskambju ta' informazzjoni u prattika tajba, b'mod partikolari fid-dawl tal-proċessi ta' Bolonja u ta' Kopenhagen u l-għodod ta' trasparenza tal-Unjoni.

Artikolu 44

Kooperazzjoni kulturali, awdjoviżiva u tal-midja

1. Il-Partijiet jaqblu li jippromwovu kooperazzjoni eqreb fis-setturi kulturali u kreattivi, sabiex jitjieb, fost l-oħrajn, il-fehim reċiproku u l-għarfien tal-kulturi rispettivi tagħhom.

2. Il-Partijiet jaħdmu biex jieħdu miżuri xierqa sabiex jippromwovu skambji kulturali u jwettqu inizjattivi konġunti f'diversi oqsma kulturali filwaqt li jużaw l-istrumenti u l-oqfsa ta' kooperazzjoni disponibbli.

3. Il-Partijiet jagħmlu ħilithom biex jippromwovu l-mobilità ta' professjonisti tal-kultura u xogħlijiet tal-arti bejn l-Awstralja u l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

4. Il-Partijiet jinkoraġġixxu d-djalogu interkulturali bejn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif ukoll bejn individwi miż-żewġ Partijiet.

5. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw mill-qrib, b'mod partikolari permezz tad-djalogu ta' politika, f'fora internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, Xjenza u Kultura (UNESCO), bil-għan li jsegwu objettivi komuni u jippromwovu d-diversità kulturali, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali.

6. Il-Partijiet jinkoraġġixxu, jappoġġjaw u jiffaċilitaw l-iskambji, il-kooperazzjoni u d-djalogu bejn l-istituzzjonijiet u l-professjonisti fl-oqsma awdjoviżivi u tal-midja.

7. Il-Partijiet jaqblu li jappoġġjaw il-kooperazzjoni kulturali fil-qafas tal-ASEM, partikolarment permezz tal-attivitajiet tal-Fondazzjoni Asja-Ewropa ("ASEF").

TITOLU VIII

KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-ENERĠIJA U T-TRASPORT

Artikolu 45

Ambjent u riżorsi naturali

1. Il-Partijiet jaqblu dwar il-ħtieġa li jħarsu, jikkonservaw u jamministraw b'manjiera sostenibbli r-riżorsi naturali u d-diversità bijoloġika bħala bażi għall-iżvilupp tal-ġenerazzjonijiet preżenti u tal-futur.

2. Il-Partijiet isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom rigward il-ħarsien tal-ambjent u rigward l-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet ambjentali fis-setturi kollha ta' kooperazzjoni, inkluż f'kuntest internazzjoni u reġjonali, partikolarment fir-rigward ta':

(a) li jinżamm djalogu f'livell għoli dwar kwistjonijiet ambjentali;

(b) il-parteċipazzjoni fi ftehimiet multilaterali dwar l-ambjent u l-implimentazzjoni tagħhom, u fejn xieraq, li tinstab bażi komuni bejn il-partijiet dwar kwistjonijiet ambjentali, inkluż permezz ta' parteċipazzjoni f'fora multilaterali;

(c) li jiġi promoss u mħeġġeġ l-aċċess għal, u l-użu sostenibbli ta', riżorsi ġenetiċi skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u t-trattati internazzjonali applikabbli f'dan il-qasam li l-Partijiet ikunu rratifikaw jew aderixxew magħhom; u

(d) il-promozzjoni ta' skambju ta' informazzjoni, għarfien tekniku espert u prattiki ambjentali f'oqsma bħal:

   (i) l-implimentazzjoni u infurzar tal-liġi ambjentali;

   (ii) l-effiċjenza fir-riżorsi u l-konsum u produzzjoni sostenibbli;

   (iii) il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità;

   (iv) l-immaniġġjar tal-iskart u l-prodotti kimiċi;

   (v) il-politika tal-ilma; u

   (vi) il-konservazzjoni tal-ambjent kostali u tal-baħar, u l-kontroll tat-tniġġis u d-degradazzjoni.

Artikolu 46

Tibdil fil-klima

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu t-theddida globali komuni tat-tibdil fil-klima u l-ħtieġa li l-pajjiżi kollha jieħdu azzjoni sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet bil-għan li jiġu stabbilizzati l-konċentrazzjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-atmosfera, f'livell li jimpedixxi interferenza antropoġenika perikoluża mas-sistema tal-klima. Fl-ambitu tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, u mingħajr preġudizzju għad-diskussjonijiet f'fora oħra, bħall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar il-Bidla fil-Klima (UNFCCC), il-Partijiet għandhom iżidu l-kooperazzjoni f'dan il-qasam. Mingħajr ma tkun limitata għalihom, il-kooperazzjoni jkollha dawn il-miri:

(a) li jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima bl-għan ġenerali li l-konċentrazzjonijiet tal-gassijiet serra fl-atmosfera jiġu stabilizzati, filwaqt li titqies l-iktar informazzjoni xjentifika u l-ħtieġa li jkun hemm tranżizzjoni lejn ekonomiji li jipproduċu ftit emissjonijiet filwaqt li jitkompla t-tkabbir ekonomiku sostenibbli permezz ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni u adattazzjoni xierqa fuq livell nazzjonali;

(b) l-iskambju ta' għarfien espert u informazzjoni rigward id-disinn, l-implimentazzjoni u l-evoluzzjoni tal-politiki u l-approċċi domestiċi rispettivi tagħhom dwar il-migrazzjoni, fosthom mekkaniżmi bbażati fuq is-suq fejn rilevanti;

(c) l-iskambju ta' għarfien espert u informazzjoni dwar strumenti ta' finanzjament pubbliċi u tas-settur privat għall-azzjoni dwar il-klima;

(d) kollaborazzjoni dwar ir-riċerka, l-iżvilupp, it-tixrid, l-użu u t-trasferiment ta' teknoloġija b'livell baxx ta' emissjonijiet bil-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra, u l-promozzjoni tal-użu effiċjenti tar-riżorsi, filwaqt li jinżamm it-tkabbir ekonomiku;

(e) l-iskambju ta' esperjenza, għarfien espert u l-aħjar prattiki, fejn xieraq, fil-monitoraġġ u l-analiżi tal-effetti tal-gassijiet serra u l-iżvilupp ta' programmi ta' mitigazzjoni u adattazzjoni u strateġiji għal emissjonijiet baxxi;

(f) l-appoġġ, fejn xieraq, ta' azzjoni ta' mitigazzjoni u adattament minn pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp;

(g) il-ħidma flimkien biex jinkiseb ftehim dwar il-klima internazzjonali robust u legalment vinkolanti applikabbli għall-pajjiżi kollha.

2. Għal dawn l-għanijiet, il-Partijiet jaqblu li jżommu djalogu u kooperazzjoni regolari fil-livelli politiċi, ta' politika u tekniċi, kemm bilateralment kif ukoll fil-fora plurilaterali u multilaterali relevanti.

Artikolu 47

Protezzjoni ċivili

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa li l-impatt tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem jiġi minimizzat. Il-Partijiet jaffermaw l-impenn komuni tagħhom li jippromwovu l-miżuri ta' prevenzjoni, mitigazzjoni, tħejjija u rispons, sabiex tiżdied ir-reżiljenza tas-soċjetà u l-infrastruttura, u li jikkooperaw kif xieraq, fuq il-livell politiku bilaterali u multilaterali biex biex jimxu lejn dawn l-għanijiet.

Artikolu 48

Enerġija

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tas-settur tal-enerġija u r-rwol ta' suq tal-enerġija li jaħdem tajjeb għall-iżvilupp sostenibbli, it-tkabbir ekonomiku, biex jikkontribwixxi għall-kisba ta' għanijiet ta' żvilupp maqbula internazzjonalment u l-kooperazzjoni biex jiġu indirizzati sfidi ambjentali u relatati mal-klima, u jistinkaw, fl-ambitu tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, li jtejbu l-kooperazzjoni f'dan il-qasam bil-ħsieb li:

(a) jiżviluppaw politiki biex iżidu s-sigurtà tal-enerġija;

(b) jippromwovu l-kummerċ u l-investiment globali tal-enerġija;

(c) itejbu l-kompetittività;

(d) itejbu l-funzjonament tas-swieq globali tal-enerġija;

(e) jiskambjaw l-informazzjoni u l-esperjenzi ta' politiki permezz ta' fora multilaterali eżistenti tal-enerġija;

(f) jippromwovu l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' teknoloġiji tal-enerġija nodfa, diversi, kostefficjenti u sostenibbli, fosthom teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli u b'emissjonijiet baxxi;

(g) jiksbu użu razzjonali tal-enerġija bil-kontributi kemm ta' min iforni kif ukoll ta' min jagħmel id-domanda, billi jippromwovu l-effiċjenza tal-enerġija fil-produzzjoni, it-trasport, id-distribuzzjoni u l-użu finali tal-enerġija; u

(h) jikkondividu l-aħjar prattiki fl-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-enerġija.

Artikolu 49

Trasport

1. Il-Partijiet għandhom jaħdmu sabiex jikkooperaw fl-oqsma rilevanti kollha tal-politika dwar it-trasport, inkluża l-politika integrata dwar it-trasport, bil-ħsieb li jittejjeb il-moviment tal-merkanzija u tal-passiġġieri, jiġu promossi s-sigurtà u s-sikurezza fit-trasport bil-baħar u tal-avjazzjoni, jitħares l-ambjent u tiżdied l-effiċjenza tas-sistemi tat-trasport tagħhom.

2. Il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet f'dan il-qasam għandha timmira li tippromwovi:

(a) l-iskambji ta' informazzjoni dwar il-politiki u l-prattiki rispettivi tagħhom tat-trasport, inklużi li jingħata avviż fil-ħin dwar tibdil propost fir-reġimi regolatorji li jaffettwa s-setturi tat-trasport rispettivi tagħhom;

(b) it-tisħiħ tar-relazzjonijiet tal-avjazzjoni bejn l-Awstralja u l-Unjoni, it-titjib tal-aċċess għas-suq u l-opportunitajiet ta' investiment, u l-twessigħ u t-tfannid tal-kooperazzjoni regolatorja fis-sikurezza u s-sigurtà tal-avjazzjoni u r-regolamentazzjoni ekonomika tal-industrija tat-trasport bl-ajru, bil-ħseib li tiġi appoġġjata l-konverġenza regolatorja u t-tneħħija tal-ostakli biex isir in-negozju, kif ukoll kooperazzjoni dwar l-immanniġjar tat-traffiku bl-ajru.

(c) djalogu u kooperazzjoni bl-objettivi ta' aċċess bla xkiel għas-swieq u l-kummerċ marittimi internazzjonali bbażati fuq il-kompetizzjoni ġusta fuq bażi kummerċjali;

(d) djalogu u kooperazzjoni dwar kwistjonijiet tat-trasport li huma relatati mal-ambjent;

(e) djalogu u kooperazzjoni bl-għan li jkun hemm rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji tas-sewqan; u

(f) kooperazzjoni f'fora dwar it-trasport internazzjonali.

Artikolu 50

Agrikoltura u żvilupp rurali

1. Il-Partijiet jaqblu li jinkoraġġixxu il-kooperazzjoni fl-agrikoltura u l-iżvilupp rurali.

2. Oqsma li fihom jistgħu jiġu kkunsidrati l-attivitajiet kooperattivi jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, il-politika agrikola, il-politika ta' żvilupp rurali, id-diversifikazzjoni u r-ristrutturar tas-setturi agrikoli u l-agrikoltura sostenibbli.

Artikolu 51

Immaniġġar sostenibbli tal-foresti

Il-Partijiet jaqblu li jrawmu l-kooperazzjoni, fil-livell nazzjonali u dak internazzjonali, fuq il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u politiki u regolamenti relatati, inklużi miżuri biex jiġi miġġieled il-qtugħ illegali tas-siġar u l-kummerċ relatat, kif ukoll il-promozzjoni tal-governanza tajba tal-foresti.

Artikolu 52

Affarijiet marittimi u sajd

1. Il-Partijiet isaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' interess komuni fl-oqsma tas-sajd u l-affarijiet marittimi. Il-Partijiet jimmiraw li jippromwovu l-konservazzjoni fuq żmien twil u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi ħajjin marittimi, jiskambjaw l-informazzjoni permezz tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd ("RFMOs") u arranġamenti, u fora multilaterali bħalma huma l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti ("FAO"), jippromwovu sforzi biex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat ("sajd IUU"), jimplimentaw ġestjoni bbażata fuq l-ekosistema u jippromwovu l-kollaborazzjoni tar-riċerka dwar is-sostenibblità marittima u tas-sajd.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex:

(a) jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta', u l-konformità ma', miżuri effettivi biex jiżguraw il-konservazzjoni fit-tul u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd taħt il-kompetenza tal-RFMOs jew arranġamenti li huma parti minnhom;

(b) jiżguraw il-governanza multilaterali fl-RFMO relevanti ta' stokks ta' ħut li jpassu ħafna fil-firxa tagħhom;

(c) jippromwovu approċċ integrat lejn l-affarijiet marittimi fil-livell internazzjonali; u

(d) jagħmlu milli jistgħu biex jiffaċilitaw is-sħubija fl-RFMOs, kif meqjus xieraq, fejn Parti waħda tkun Membru u l-oħra tkun parti li tikkoopera.

3. Il-Partijiet għandu jkollhom djalogu regolari perjodiku flimkien ma' laqgħat oħrajn fil-livell ta' uffiċjali għolja, sabiex isaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni, kif ukoll biex jiskambjaw it-tagħrif u l-esperjenzi fuq il-politika tas-sajd u l-affarijiet marittimi.

Artikolu 53

Impjiegi u l-affarijiet soċjali

1. Il-Partijiet jaqblu li jtejbu l-kooperazzjoni fil-qasam tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali, inkluż fil-kuntest tal-globalizzazzjoni u t-tibdil demografiku. Għandhom isiru sforzi sabiex jiġu promossi l-kooperazzjoni u l-iskambji ta' informazzjoni u ta' esperjenzi rigward l-impjiegi u kwistjonijiet tax-xogħol. Oqsma ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu skambji dwar il-politika tal-impjiegi, il-koeżjoni reġjonali u soċjali, l-integrazzjoni soċjali, is-sistemi tas-sigurtà soċjali, ir-relazzjonijiet industrijali, l-iżvilupp tal-ħiliet matul il-ħajja, l-impjieg taż-żgħażagħ, is-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza, inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif ukoll ir-responsabbiltà soċjali korporattiva u x-xogħol deċenti.

2. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid il-ħtieġa li jippromwovu x-xogħol produttiv u għal kulħadd u x-xogħol diċenti bħala element prinċipali tal-iżvilupp sostenibbli u t-tnaqqis tal-faqar. F'dan il-kuntest, il-Partijiet ifakkru d-Dikjarazzjoni dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ("ILO").

3. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenji tagħhom sabiex jirrispettaw, jippromwovu u jwettqu standards rikonoxxuti fuq livell internazzjonali dwar ix-xogħol u soċjali, kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Fundamentali fuq il-Post tax-Xogħol.

4. Il-forom ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, programmi, proġetti u inizjattivi speċifiċi, skont qbil reċiproku dwarhom, kif ukoll djalogu dwar suġġetti ta' interess komuni fuq livell bilaterali jew multilaterali.

Artikolu 54

Saħħa

Il-Partijiet jaqblu li jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni reċiproka, l-iskambju ta' informazzjoni u l-kondiviżjoni tal-esperjenzi tal-politiki fl-oqsma tas-saħħa u l-immaniġġjar effettiv tal-problemi tas-saħħa transfruntieri.

TITOLU IX

QAFAS ISTITUZZJONALI

Artikolu 55

Ftehimiet jew arranġamenti oħrajn

1. Il-Partijiet jistgħu jikkumplementaw dan il-Ftehim billi jikkonkludu ftehimiet jew arranġamenti speċifiċi fi kwalunkwe qasam ta' kooperazzjoni li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Tali ftehimiet speċifiċi għandhom ikunu parti integrali tar-relazzjonijiet bilaterali globali regolati minn dan il-Ftehim.

2. Dan il-Ftehim ma għandux jaffettwa jew jippreġudika l-interpretazzjoni, l-operazzjoni jew l-applikazzjoni ta' ftehimiet oħra bejn il-Partijiet. B'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet għar-riżoluzzjoni tat-tilwim ta' dan il-Ftehim ma jissostitwix jew jaffettwa b'xi mod id-dispożizzjonijiet għar-riżoluzzjoni tat-tilwim ta' ftehimiet oħra bejn il-Partijiet.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu li każ ta' urġenza speċjali kif definit fl-Artikolu 57(7) jista' wkoll iservi bħala bażi għas-sospensjoni jew it-terminazzjoni ta' ftehimiet oħrajn bejn il-Partijiet. F'tali ċirkostanzi, il-Partijiet għandhom josservaw id-dispożizzjonijiet dwar ir-riżoluzzjoni tat-tilwim, is-sospensjoni u t-terminazzjoni ta' ftehimiet oħrajn bħal dawn biex isolvu kull tilwima minn dawn.

Artikolu 56

Kumitat Konġunt

1. Il-Partijiet b'dan jistabbilixxu Kumitat Konġunt li jikkonsisti minn rappreżentanti tal-Partijiet.

2. Il-konsultazzjonijiet isiru fil-Kumitat Konġunt sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni u biex jitmexxew 'il quddiem l-għanijiet ġenerali ta' dan il-Ftehim, kif ukoll biex tinżamm koerenza ġenerali fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Awstralja.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu:

(a) jippromwovi l-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-Ftehim;

(b) jimmonitorja l-iżvilupp tar-relazzjoni komprensiva bilaterali bejn il-Partijiet, inklużi l-ftehimiet;

(c) jitlob, kif xieraq, informazzjoni minn kumitati jew korpi oħra stabbiliti taħt ftehimiet oħrajn bejn il-Partijiet u jikkonsidra kwalunkwe rapporti ppreżentati minnhom;

(d) jiskambja fehmiet u jagħmel suġġerimenti dwar kull kwistjoni ta' interess komuni, inklużi azzjonijiet futuri u r-riżorsi disponibbli sabiex jitwettqu;

(e) jistipula l-prijoritajiet u, kif xieraq, jiddetermina l-passi jew pjanijiet ta' azzjoni li jmiss b'rabta mal-għan ta' dan il-Ftehim;

(f) ifittex metodi adatti biex jiġu evitati l-problemi li jistgħu jinħolqu fl-oqsma koperti minn dan il-Ftehim;

(g) jagħmel ħiltu biex isolvi kwalunkwe differenza li tinqala' fl-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim b'konformità mal-Artikolu 57;

(h) jeżamina l-informazzjoni ppreżentata minn Parti b'konformità mal-Artikolu 57; u

(i) jadotta deċiżjonijiet, fejn xieraq, biex jiġu implimentati aspetti speċifiċi ta' dan il-Ftehim.

4. Il-Kumitat Konġunt jopera b'kunsens. Huwa għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu. Huwa jista' jistabbilixxi sottokumitati u gruppi ta' ħidma biex jittrattaw kwistjonijiet speċifiċi.

5. Il-Kumitat Konġunt normalment għandu jiltaqa' darba fis-sena fl-Unjoni u l-Awstralja b'mod li jalterna. Isiru laqgħat speċjali tal-Kumitat Konġunt meta jintalbu minn xi waħda mill-Partijiet. Il-Kumitat Konġunt ikun kopresedut miż-żewġ Partijiet. Normalment għandu jiltaqa' fil-livell ta' uffiċjali anzjani, iżda jista' jiltaqa' wkoll fil-livell ministerjali. Il-Kumitat Konġunt jista' wkoll jopera permezz tal-kuntatt bil-vidjo jew bit-telefon, u bl-iskambju ta' informazzjoni bil-posta elettronika.

Artikolu 57

Modalitajiet għall-implimentazzjoni u riżoluzzjoni tat-tilwim

1. Fl-ispirtu ta' rispett reċiproku u kooperazzjoni li huma inkorporati b'dan il-Ftehim, il-Partijiet jieħdu kwalunkwe miżuri ġenerali jew speċifiċi meħtieġa biex iwettqu l-obbligi tagħhom skont dan il-Ftehim.

2. Il-Partijiet jaqblu li jikkonsultaw malajr kemm jista' jkun, fuq it-talba ta' Parti, rigward kwistjonijiet ta' differenza li jistgħu jinqalgħu fl-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim. Jekk ikun hemm diverġenza ta' fehmiet fl-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim, kull Parti tista' tirreferi għall-Kumitat Konġunt. Il-Partijiet għandhom jippreżentaw l-informazzjoni kollha rilevanti meħtieġa għal eżami bir-reqqa ta' din il-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt, bil-ħsieb li d-differenzi jiġu riżolti fil-ħin u b'mod amikevoli.

3. F'każ ta' urġenza speċjali, Parti minnhom għandha minnufih tirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt u tippreżenta l-informazzjoni kollha meħtieġa għal eżami bir-reqqa tas-sitwazzjoni, bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni fil-ħin u li tkun reċiprokament aċċettabbli. Fil-każ li l-Kumitat Konġunt fil-livell tal-uffiċjali għoljin ma jkunx kapaċi jsolvi s-sitwazzjoni sa 15-il jum mill-bidu tal-konsultazzjonijiet u mhux iktar tard minn tletin jum mid-data li l-kwistjoni tkun ġiet riferuta lill-Kumitat Konġunt, il-kwistjoni tiġi mressqa lill-ministri għal konsiderazzjoni urġenti għal perjodu ulterjuri ta' 15-il jum.

4. Fil-każ improbabbli u mhux mistenni li ma tinstab l-ebda soluzzjoni aċċettabbli wara 15-il jum mill-bidu tal-konsultazzjonijiet fil-livell ministerjali u mhux iktar tard minn 45 jum mid-data li fiha l-kwistjoni tkun ġiet riferuta lill-Kumitat Konġunt, kwalunkwe Parti tista' tiddeċiedi li tieħu miżuri xierqa fir-rigward ta' dan il-Ftehim, fosthom is-sospensjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu jew it-terminazzjoni tiegħu. Il-Partijiet jirrikonoxxu li każ ta' urġenza speċjali jista' jservi wkoll bħala bażi biex jittieħdu miżuri xierqa barra minn dan il-Ftehim, b'konformità mad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet taħt ftehimiet oħrajn bejn il-Partijiet jew taħt id-dritt internazzjonali ġenerali. Fl-Unjoni, id-deċiżjoni ta' sospensjoni tkun teħtieġ unanimità. Fl-Awstralja, id-deċiżjoni ta' sospensjoni tittieħed mill-Gvern tal-Awstralja f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tiegħu.

5. Il-Partijiet jaqblu li kwalunkwe deċiżjoni biex jittieħdu miżuri xierqa b'konformità mal-paragrafu 4 għandha tkun sostanzjata kif dovut. Id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata immedjatament lill-Parti l-oħra bil-miktub. Il-Partijiet jaqblu li kull miżura minn dawn għandha tkun proporzjonali u tkun konsistenti mal-Artikolu 55(2) kif ukoll mal-prinċipji ġenerali tad-dritt internazzjonali.

6. Jekk xi miżura tittieħed b'konformità mal-paragrafu 4, għandha tiġi revokata malli r-raġuni li għaliha tkun ittieħdet tkun tneħħiet. Il-Parti li tinvoka l-paragrafu 4 għandha żżomm taħt eżami kostanti l-iżvilupp tas-sitwazzjoni li tkun wasslet għad-deċiżjoni u għandha tirtira l-miżuri malli dan ikun ġustifikat.

7. Il-Partijiet jaqblu, għall-finijiet tal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni prattika korretta ta' dan il-Ftehim, li t-terminu "każ ta' urġenza speċjali" jfisser ksur partikolarment serju u sostanzjali tal-obbligi deskritti fl-Artikoli 2(2) u 6(2) ta' dan il-Ftehim minn waħda mill-Partijiet li jwassal għal sitwazzjoni li tkun teħtieġ reazzjoni immedjata mill-Parti l-oħra. Il-Partijiet iqisu li ksur partikolarment serju u sostanzjali tal-Artikolu 2(2) jew l-Artikolu 6(2) irid ikun ta' xorta eċċezzjonali li thedded il-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

8. F'każijiet fejn sitwazzjoni li sseħħ f'pajjiż terz tista' tiġi kkunsidrata bħala ekwivalenti fil-gravità u n-natura għal każ ta' urġenza speċjali, il-Partijiet jagħmlu ħilithom biex iwettqu konsultazzjonijiet urġenti, wara talba ta' waħda mill-Partijiet, jaqsmu l-fehmiet dwar is-sitwazzjoni u jikkunsidraw ir-reazzjonijiet possibbli.

TITOLU X

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 58

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, it-terminu "il-Partijiet" ifisser l-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha, jew l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom, minn naħa waħda, u l-Awstralja, min-naħa l-oħra.

Artikolu 59

Kooperazzjoni finanzjarja

1. Meta jkunu qegħdin jimplimentaw programmi ta għajnuna fil-kuntest tal-politiki ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħhom, il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex jipprevjenu u jiġġieldu l-irregolaritajiet, il-frodi, il-korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra għad-detriment tal-interessi finanzjarji tal-Partijiet.

2. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni u l-Awstralja għandhom jiskambjaw l-informazzjoni, inkluża d-dejta personali, b'konformità mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ rispettiva tagħhom u, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, għandhom iwettqu l-konsultazzjonijiet.

3. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi u l-awtoritajiet kompetenti Awstraljani jistgħu jaqblu dwar kooperazzjoni ulterjuri fil-qasam ta' kontra l-frodi, inkluża l-konklużjoni ta' arranġamenti operazzjonali.

Artikolu 60

Divulgazzjoni ta' informazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom iħarsu kif xieraq l-informazzjoni kondiviża taħt dan il-Ftehim, b'mod konsistenti mal-interess pubbliku fl-aċċess għall-informazzjoni.

2. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jinftiehem li jirrekjedi li l-Partijiet jikkondividu informazzjoni, jew jippermettu aċċess għal informazzjoni kondiviża, li jekk tiġi divulgata:

(a) tippreġudika:

(i) is-sigurtà pubblika;

(ii) kwistjonijiet ta' intelliġenza, difiża u militari;

(iii) ir-relazzjonijiet internazzjonali;

(iv) il-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika;

(v) il-privatezza; jew

(vi) interessi kummerċjali jew affarijiet ta' negozju leġittimi; jew

(b) tmur b'xi mod ieħor kontra l-interess pubbliku.

3. Fil-każ li informazzjoni tax-xorta msemmija f'dan l-Artikolu tiġi kondiviża, il-Parti riċeventi għandha tirrilaxxa jew tiddivulga tali informazzjoni biss bil-kunsens tal-Parti l-oħra, jew fejn dan ikun neċessarju għaliha biex tikkonforma mal-obbligi legali tagħha.

4. Xejn f'dan il-Ftehim ma huwa intiż biex jidderoga mid-drittijiet, obbligi jew impenji tal-Partijiet taħt ftehimiet jew arranġamenti bilaterali rigward informazzjoni klassifikata skambjata bejn il-Partijiet.

Artikolu 61

Dħul fis-seħħ, applikazzjoni proviżorja, durata u terminazzjoni

1. Dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ tletin jum wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri legali neċessarji għal dak il-għan.

2. Minkejja l-paragrafu 1, l-Awstralja u l-Unjoni jistgħu japplikaw dispożizzjonijiet determinati reċiprokament ta' dan il-Ftehim sakemm jidħol fis-seħħ. Tali applikazzjoni proviżorja tibda tletin jum wara d-data li fiha kemm l-Awstralja kif ukoll l-Unjoni jkunu nnotifikaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri interni rispettivi tagħhom neċessarji għal tali applikazzjoni proviżorja.

3. Dan il-Ftehim ikun validu għal żmien indefinit. Kwalunkwe Parti tista' tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub dwar l-intenzjoni tagħha li tiddenunzja dan il-Ftehim. Id-denunzja għandha tidħol fis-seħħ sitt xhur wara n-notifika.

Artikolu 62

Notifiki

In-notifiki magħmula skont l-Artikolu 61 isiru lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jew lid-Dipartiment tal-Kummerċ u l-Affarijiet Barranin tal-Awstralja, jew l-organizzazzjonijiet suċċessuri tagħhom.

Artikolu 63

Applikazzjoni territorjali

Dan il-Ftehim japplika, minn naħa waħda, għat-territorji li fihom japplikaw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u bil-kundizzjonijiet stipulati f'dawk it-Trattati, u, min-naħa l-oħra, għat-territorju tal-Awstralja.

Artikolu 64

Testi awtentiċi

Dan il-Ftehim huwa magħmul b'żewġ kopji fil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Netherlandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża u Żvediża, b'kull test ugwalment awtentiku.

Съставено в Манила на седми август две хиляди и седемнадесета година.

Hecho en Manila el siete de agosto de dos mil diecisiete.

V Manile dne sedmého srpna roku dva tisíce sedmnáct.

Udfærdiget i Manilla den syvende august to tusind og sytten.

Geschehen zu Manila am siebten August zweitausendsiebzehn.

Kahe tuhande seitsmeteistkümnenda aasta augustikuu seitsmendal päeval Manilas.

Έγινε στη Μανίλα, στις επτά Αυγούστου δύο χιλιάδες δεκαεπτά.

Done at Manila on the seventh day of August in the year two thousand and seventeen.

Fait à Manille, le sept août deux mille dix-sept.

Sastavljeno u Manili sedmog dana kolovoza dvije tisuće sedamnaeste godine.

Fatto a Manila, addì sette agosto duemiladiciassette.

Manilā, divi tūkstoši septiņpadsmitā gada septītajā augustā.

Priimta du tūkstančiai septynioliktų metų rugpjūčio septintą dieną Maniloje.

Kelt Manilában, a kétezer-tizenhetedik év augusztus havának hetedik napján.

Magħmul f'Manila fis-seba' jum ta' Awwissu fis-sena elfejn u sbatax.

Gedaan te Manilla, zeven augustus tweeduizend zeventien.

Sporządzono w Manili dnia siódmego sierpnia roku dwa tysiące siedemnastego.

Feito em Manila, em sete de agosto de dois mil e dezassete.

Întocmit la Manila la șapte august două mii șaptesprezece.

V Manile sedemnásteho augusta dvetisíc sedemnásť.

V Manili, dne sedmega avgusta leta dva tisoč sedemnajst.

Tehty Manilassa seitsemäntenä päivänä elokuuta vuonna kaksituhattaseitsemäntoista.

Som skedde i Manila den sjunde augusti år tjugohundrasjutton.

Voor het Koninkrijk België

Pour le Royaume de Belgique

Für das Königreich Belgien

Deze handtekening verbindt eveneens de Vlaamse Gemeenschap, de Franse Gemeenschap, de Duitstalige Gemeenschap, het Vlaamse Gewest, het Waalse Gewest en het Brussels Hoofdstedelijk Gewest.

Cette signature engage également la Communauté française, la Communauté flamande, la Communauté germanophone, la Région wallonne, la Région flamande et la Région de Bruxelles-Capitale.

Diese Unterschrift bindet zugleich die Deutschsprachige Gemeinschaft, die Flämische Gemeinschaft, die Französische Gemeinschaft, die Wallonische Region, die Flämische Region und die Region Brüssel-Hauptstadt.

За Република България

Za Českou republiku

For Kongeriget Danmark

Für die Bundesrepublik Deutschland

Eesti Vabariigi nimel

Thar cheann Na hÉireann

For Ireland

Για την Ελληνική Δημοκρατία

Por el Reino de España

Pour la République française



Za Republiku Hrvatsku

Per la Repubblica italiana



Για την Κυπριακή Δημοκρατία

Latvijas Republikas vārdā –

Lietuvos Respublikos vardu

Pour la Grand-Duché de Luxembourg

Magyarország részéről



Ghar-Repubblika ta' Malta

Voor het Koninkrijk der Nederlanden



Für die Republik Österreich



W imieniu Rzeczypospolitej Polskiej



Pela República Portuguesa



Pentru România



Za Republiko Slovenijo



Za Slovenskú republiku



Suomen tasavallan puolesta

För Republiken Finland



För Konungariket Sverige

For the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen

For Australia